## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 17 ta' Gunju, 2016

**Talba Nru: 178/16 DMA**

**Felix Mifsud**

**Vs**

**Romina Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Mejju, 2016 fejn l-attur tallab illi l-konvenuta kienet impjegata ma' l-attur, u kienet tahdem gewwa Lotto Office 148, Valley Road, Msida;

Illi, fl-ahhar gurnata tax-xoghol taghha, il-konvenuta naqset milli tirritorna, lill-attur, numru ta' scratch cards, tal-valur komplessiv ta' sittin ewro (€60.00), flimkien ma mija tmienja u hamsin ewro (€158.00) fi flus kontanti, li l-istess konvenuta kienet gja'

kkonfermat li kienet rceviet bhala parti mix-xoghol taghha – ossija l-iscrath cards sabiex jimbieghu mill-Lotto Office de quo, u l-flus kontanti sabiex tinghata l-bqija lill-klijenti – fuq l-iskrittura hawn annesaa bhala Dok: A;

Illi, in oltre, fl-ahhar gurnata tax-xoghol taghha, il-konvenuta naqset ukoll milli tirritorna lill-attu, numru ta' telecards, tal-valur komplessiv ta' mija u hamsa u hamsin ewro (€155.00), li hija kienet rceviet bhala parti mix-xoghol taghha – ossija l-iscrath cards sabiex jimbieghu mill-Lotto Office de quo;

Illi, in oltre l-konvenuta ghandha tirrifondi lill-attur is-somma ta' disa mija u ghoxrin ewro (€920.00), rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' apparat eletroniku li l-istess attur kien xtara u hallas, ghan-nom tal-istess konvenuta, kif jirrizulta mill-iskrittura hawn annessa bhala Dok: B;

Illi minkejja li l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas, lill-attur is-somma komplessiva ta' elf mitejn u tlieta u disghin ewro (€1,293.00) permezz ta' ittra ufficjali tat-3 ta' Dicembru, 2015, li kopja taghha qed tigi hawn annessa bhala Dok C, l-istess konvenuta baqghet inadempjanti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi, tghid il-konvenuta ghalxiex m'ghandux dan it-Tribunal, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neccessarja u opportune, jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur, s-somma komplessiva ta' elf mitejn u tlieta u disghin ewro (€1,293.00), jew kwalsiasi somma ohra verjuri li joghgobu jillikwida dan it-Tribunal, u dan bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija, ossija ittra ufficjali 2352/15 u bl-imghaxijiet legali, dekorribli millum sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Il-konvenuta dehret personalment u taccetta li thallas l-ammont ta' seba' u sebghin ewro (€770.00) kif ridott fin-nota pprezentata u mmarkata bhala Dok FM1;

It-Tribunal jilqa' il-ftehiem bejn il-partijiet u filwaqt illi jilqa' it-talba tal-attur fl-ammont ta' seba' u sebghin ewro (€770.00) kif ridott jordna lil konvenuta thallas din is-somma f'rati mensili ta' sebghin ewro (€70) kif mifthiem fl-iskritura.

Kif ukoll thallas l-ispejjez indikati fil-ftehim, b'dan illi sakemm il-hlas ikun qed issir kif miftihem l-ebda imghax ma jiddekorri. F'kaz illi tfalli pagament l-imghax isir dovut mit-3 ta' Dicembru, 2015.

Sentenza issir ezegwibli biss f'nuqqas ta' hlas.

Spejjez tal-kawza a karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**